

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11539/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0144 (BUD)**

**FIN 1014
PE-L 20**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali 2026: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti għan-nefqa

- *Approvazzjoni*
 - *Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub*
-

1. Fid-9 ta' Ġunju 2026¹, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 2 għall-baġit ġenerali 2026 dwar aġġustamenti kemm fin-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit².

¹ Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha saru disponibbli fit-22 ta' Ġunju 2026.

² Id-dokument 10212/26.

2. Il-mira ewlenija ta' din il-proposta hija li tiġi aġġornata n-**naħa tad-dħul** tal-baġit biex jittieħed kont tal-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

- il-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2026 maqbula mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fid-29 ta' Mejju 2026. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
- id-dħul l-ieħor bħall-multi u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit.

Fir-rigward tan-**naħa tan-nefqa**, l-ABE Nru 2/2026 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

- tisħiħ tal-approprijazzjonijiet ta' pagament (a/p) ta' EUR 7.6 biljun, li minnhom EUR 3.4 biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 0.6 biljun għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), EUR 1.4 biljun għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) u EUR 2.2 biljun għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- tisħiħ tar-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 300 miljun f'a/i u a/p biex jiġi pprovdut appoġġ immirat u eċċezzjonali lill-bdiewa li qed jiffaċċaw sfidi severi ta' likwidità b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-kost tal-fertilizzanti;
- tisħiħ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għal ammont ta' EUR 140 miljun f'a/i u a/p biex jiġi żgurat rimborż f'waqtu tan-nefqa tal-FAEG lill-Istati Membri;
- żieda fl-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-Kummissjoni, tisħiħ tan-nefqa amministrattiva fl-intestatura 7 u tisħiħ tal-linja ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effettiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Diġitali Finanzjarja Leġiżlattiva relatata;
- żewġ trasferimenti newtrali għall-baġit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) lura għall-programm LIFE wara l-irtirar tal-proposta Ewropea għall-monitoraġġ tal-foresti u dewmien fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi;

- bidliet fir-rimarki tal-baġit għal-linja baġitarja 02 02 02 (*Garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni*) biex tiġi akkomodata l-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għall-istrument finanzjarju InvestEU, skont ir-Regolament Omnibus II ta' InvestEU.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 2/2026 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 444.2 miljun f'a/i u żieda ta' EUR 8.0 biljun f'a/p.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 2/2026 fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2026 u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar:
 - il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 2/2026 kif tinsab fil-punt 3 hawn fuq,
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX 2 ta' dak il-għan,
 - li jiġi propost li l-Kunsill idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni irreġistrata fl-Addendum 1 ta' dan id-dokument, u
 - jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026, kif tinsab fl-ANNEX 1, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242³, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 137).

**Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026: Aġġornament tad-dħul
(riżorsi proprji) u aġġustamenti għan-nefqa**

POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026 kien adottat definittivament fis-26 ta' Novembru 2025⁵;
- fl-9 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026,

⁴ ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

⁵ ĠU L, 2026/72, 26.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/budget/2026/72/oj>.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026 ġiet adottata fl-4 ta' Settembru 2026.

It-test sħiħ⁶ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel mis-sit web tal-Kunsill fl-indirizz li ġej:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/>.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ Id-dokument 11540/26 + ADD 1.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

kopja : il-President tal-Kummissjoni

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għas-sena finanzjarja 2026⁷, adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2026.

(Formola tal-għeluq).

⁷ Id-dokument 11540/26 + ADD 1.